MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 871/2009

L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Vs

Polidano Brothers Limited.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Awtorita' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u ghaxar ewro u disgha u tletin centezmu (€2,610.39) minghand is-socjeta' konvenuta, in konnessjoni ma spejjez inkorsi mill-Awtorita' attrici skond invoice no. 4129 datata 10 ta' Settembru 2005, bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Gunju 2006 u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-Awtorita' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-Awtorita' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn, sitt mija u ghaxar ewro u disgha u tletin centezmu (€2,610.39), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------